MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 59/2023/09

**Data tal-laqgħa:** 23 ta' Mejju, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Hal Kirkop, fil-17:30hrs.

## Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

59.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 59.2 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2022

59.2.1 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħti spjegazzjoni ta' dawn l-*audited financial statements* lill-Kunsilliera preżenti biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

59.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wara li sar l-Awditjar tal-kotba finanzjarji tal-Kunsill, l-*accountant* tal-Kunsill kienet għamlet l-aġġustamenti fil-*financial statements* kif mitlub mill-Awdituri.

59.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tinsab sodisfatta ħafna li l-awdituri ħarġu b'opinjoni għax il-kotba finanzjarji tal-Kunsill laħqu il-kriterji mitluba.

59.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dwar il-*financial statements* għas-sena finanzjarja li għalqet f'Diċembru 2022. Hi qalet li din is-sena kienet għalqet b'defiċit għas-sena ta' €66,258. Apparti hekk il-*financial situation indicator* tal-Kunsill għalaq b'persentaġġ ta' 1.3%.

59.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'din is-sitwazzjoni l-Kunsill se jkollu joqgħod ħafna lura għax l-allokazzjoni hija baxxa ħafna meta kkomparata mal-ispejjeż li għandu l-Kunsill. Dawn l-ispejjeż jagħmluha diffiċli ħafna biex il-Kunsill jagħmel xogħlijiet u proġetti apparti l-bżonnijiet neċessarji.

59.2.6 Wara diskussjoni dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill, ġie deċiż li dawn il-*Financial Statements* jiġu approvati.

59.2.7 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-*Audited Financial Statements,* hekk kif emendati, għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2022, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

59.2.8 Għaldaqstant dawn l-*Audited Financial Statements* għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv preżenti, biex jgħaddu għand in-National Audit Office, l-Awdituri tal-Gvern Lokali u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 59.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

59.3.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

59.3.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir kif kienet aġġornata f'laqgħa numru 58 jiġifieri nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023 fl-16:30hrs.

59.3.3 Il-laqgħa ntemmet fis-18:00hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 19 ta' Ġunju, 2023

**Mozzjoni Ref:** 308/23/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill japprova l-*Audited Financial Statements*, għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2022.

| **Proponent** | **Sekondant** |
| --- | --- |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' Mejju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**